MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 589/2008

**Martin Borg u Josephine Borg**

**Vs**

**Carmel Schembri u ghal kwalsiasi interess li jista' jkollha, martu Carmen Schembri, Chairperson tal-Awtorita' tad-Djar, l-Kummissarju tal-Artijiet u s-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Hal Luqa**.

F'din il-kawza l-atturi qeghdin jilmentaw:-

i. mill-uzu li jallegaw li qieghed jaghmel il-konvenut minn porzjon art li nghatat lilu b'lokazzjoni minghand l-Awtorita tad-Djar li jmur kontra l-obbligi tal-patt lokatizju. Minhabba dan l-agir isostnu li ma jistghux jaghmlu

manutenzjoni tal-faccata tal-fond proprjeta taghhom u lanqas jaccedu ghall-proprjeta li hi komuni.

ii. li l-konvenut approprija ruhu minn art pubblika li tifforma parti mill-istess blokk u wkoll minn parti minn triq, u ghamel strutturi li jolqtu d-drittijiet tal-atturi ghall-access tal-parti tal-fond li akkwistaw huma.

Ghalhekk qeghdin jitolbu:-

*“1. Tiddikjara li l-konvenut Schembri kiser il-kundizzjonijiet tal-kirja jew koncessjoni moghtija lilu mill-Awtorita’ tad-Djar billi qieghed jaghmel uzu ta’ din l-art li huwa projbit milli jaghmel u dan bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-atturi u dan a tenur tal-Art. 1554 et. Seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk tikkundannah u tordnah li jirripristina l-art allokat lilu mill-Awtorita’ tad-Djar sabiex juzah bhala gnien, fi zmien qasir u perentorju, ghall-istatus quo ante, u jottempra ruhhu mad-dicitura tal-istess ftehim u fin-nuqqas taghti id-debita awtorizzazzjoni sabiex l-Awtorita’ tad-Djar taghmel dawk ix-xogholijiet kollha necessarji sabiex jigi ripristinat din l-art mikrija, okkorendo wkoll li l- ispejjez ghal tali ripristinazzjoni, ezegwiti mill-Awtorita’ tad-Djar jibqghu a karigu tal-konvenut Schembri u dan finalment ghas-salvagwardja u r-rintegrazzjoni tad-drittijiet tal-atturi;*

*2. Tiddikjara li l-konvenut Schembri abusivament, klandestinament u kontra l-ligi ippussessa ruhu minn art li ma giex koncessa lilu u dawwarha ghall-uzu personali tieghu u dan bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-atturi u dan a tenur tal-Art. 534 et. seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk tikkundannah u tordna lill-konvenut Schembri jivvaka il-pussess ta’ art kontiwa ma’ dik li giet koncessa lilu u jirripristina dik l-art ghall-istatus quo ante u fl-istess hin u tordna u taghti dik l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex l-Awtorita’ tad-Djar terga tassumi il- pussess ta’ din l- art, u fin-nuqqas taghti id-debita awtorizzazzjoni sabiex l-Awtorita’ tad-Djar taghmel dawk ix-xogholijiet kollha necessarji sabiex jigi ripristinat u ripussessat din l-art, okkorendo wkoll li l-ispejjez ghal tali ripristinazzjoni u ripussessament, ezegwiti mill-Awtorita’ tad-Djar jibqghu a karigu tal-Konvenut Schembri u finalment dan ghas-salvagwardja u r-rintegrazzjoni tad-drittijiet tal-atturi;*

*3. Tiddikjara li l-konvenut Schembri ppussessa ruhu min art pubblika, u cioe' triq li dawwarha ghall-uzu personali tieghu, u dan bi ksur tal-Art. 5344 et. seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tikkundannah u tordna lill-konvenut Schembri jivvaka l-art , cjoe' triq, pubblika ippussessata minnhu u jirripristina ghal-istat li kienet qabel ma sar tali pussess u fin-nuqqas taghti d-debita awtorizzazzjoni sabiex il-konvenuti il- Kumissarju tal-artijiet u/jew is-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Hal Luqa, min minnhom skond il-kaz, taghmel dawk ix-xogholijiet kollha necessarji sabiex jigi ripristinat u ripussessat din l-art, okkorendo wkoll li l-ispejjez, ghal tali ripristinazzjoni u ripussessament, ezegwiti mill-konvenuti suriferiti, jibqghu a karigu tal-konvenut Schembri u finalment dan ghas-salvagwardja u r-rintegrazzjoni tad-drittijiet tal-atturi bhala cittadini ta' Malta;*

*4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel tlett talbiet, tillikwida d-danni sofferti mill-atturi kagun tal-agir, jew in-nuqqas ta' agir, tal-konvenuti, okkorendo bil-hatra ta' periti nominandi u dan a tenur tal-Art. 1045 et. seq. u 1128 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta".*

**<u>Risposta Guramentata tal-Kummissarju tal-Artijiet</u>[1]:-**

1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' interess guridiku tal-atturi biex jipproponu din il-kawza kontra l-Kummissarju ta' l-Artijiet.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jista' jiddikjara liberament li kuntrarjament ghal dak allegat, huwa minn dejjem ha azzjoni kontra l-konvenuti Schembri dwar il-bicca art mikrija lilhom minnu sabiex dawn ikunu konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim ta' kera meta wara spezzjonijiet li saru fuq il-post mill-ufficjali tad-Dipartiment ta' l-Artijiet irrizultalu li dawn kienu qeghdin imorru kontra dak mifthiem fil-ftehim tal-kera u sahansitra ipproceda kontra taghhom permezz ta' mandat ta' inibizzjoni. Kopja tad-dokumenti kollha

[1] Fol. 29.

konnessi ma’ dan il-mandat ta’ inibizzjoni bir-referenza 1259/2007 GC, fl-ismijiet **id-Direttur tal-Artijiet vs. Carmel u Carmela konjugi Schembri**, qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A.

3. Illi l-konvenut jiddikjara wkoll li huwa se jkompli jiehu azzjoni bil-mezzi kollha li taghtih il-ligi jekk jirrizultalu li xi kundizzjonijiet tal-ftehim tal-kiri jkunu qeghdin jigu miksurin mill-konvenuti Schembri.

4. Illi konsegwentement il-Kummissarju ta’ l-Artijiet ma kkawza ebda danni lill-atturi.

5. Illi ghaldaqstant, it-talbiet kollha ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi ghaliex huma nfondati.

**Risposta ta’ Carmel u Carmela konjugi Schembri[2]:-**

1. Illi in linja preliminari, r-rikors promutur ta’ din l-istanza huwa wiehed irritu u null u dan peress illi m’hemmx tifsir car u sewwa tal-oggetti u r-raguni tat-talbiet kif rikjest skond l-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi in linja preliminari wkoll, qed jigi eccipit illi l-azzjoni hekk kif promossa mir-rikorrenti hija guridikament improponibbli stante li m’huwiex car mir-rikors mahluf b’ liema mod huma qeghdin jipprocedu f’din l-istanza u dan peress illi fl-istess rikors mahluf ma’ jirrizultax b’mod car jekk din hijiex azzjoni possessorja jew petitorja jew *contracto* jew *ex delicto*.

3. Illi in linja preliminari wkoll in-nuqqas ta’ interess guridiku tal-atturi peress li l-art mertu ta’ din l-istanza hija art koncessa mid-Dipartiment tal-Artijiet b’titolu lokatizzju u ghalhekk se mai huwa biss id-Direttur tal-Artijiet illi qatt jista’ jallega il-ksur tal-obbligi kontrattwali naxxenti mill-istess lokazzjoni, liema lokazzjoni ghar-rikorrenti hija *res inter alios acta*.

2 Fol. 53.

4. Illi l-azzjoni tal-atturi hija ostakolata bit-trapass tal-perjodu ta' dekadenza stipulata fil-Ligi.

5. Illi fil-mertu l-pretensjonijiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi (i) huma qatt ma' telfu xi tgawdija tal-atturi, (ii) huma dejjem ottemporaw ruhhom mal-obbligi kuntrattwali u legali kollha fuqhom imposti, (iii) ma kkagunaw ebda danni lill-atturi bl-agir taghhom.

6. Illi f'kaz illi l-azzjoni tal-atturi hija wahda possessorja ta' spoll privilegjat tali azzjoni ma' tistax tirnexxi ghaliex ir-rekwizit ta' spoliatum fuisse huwa nieqes stante li ma' kien ebda disturb ta' pussess.

**<u>Nota ta' l- Awtorita ta' Djar</u>[3]:**

Li permezz taghha ddikjarat li hi ma ghandha ebda interess jew *locus standi* fil-vertenza mertu tal-kawza stante li l-art mertu tal-kaz mhijiex propjeta' ta' l-Awtorita' tad-Djar u dwar din l-art ma ghandha ebda setgha.

Il-Kunsill Lokali ma wegibx.

Il-qorti rat l-atti kollha, inkluz noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw l-atturi, Schembri, Kummissarju tal-Artijiet u l-Awtorita tad-Djar.

**<u>Fatti</u>**:-

1. Permezz ta' kuntratt tas-26 ta' Awwissu 1981 pubblikat min-nutar Dr Joseph Brincat, l-atturi xtraw minghand l-Awtorita tad-Djar appartament numru 30, Blokk E, fit-tieni sular, Housing Estate, limiti ta' Hal Farrug, Luqa.
2. Permezz ta' kuntratt tal-1 ta' Settembru 1981 pubblikat min-nutar Dr Joseph Brincat, il-konvenuti Schembri xtraw minghand l-Awtorita tad-Djar appartament numru 26, Blokk E, fil-pjan terran, Housing Estate, limiti ta' Hal Farrug, Luqa.

[3] Fol. 56.

3. Bi skrittura tal-25 ta' Marzu 1986 Schembri nghataw lokazzjoni, mill-Kummissarju tal-Artijiet, fuq bicca art li tigi fuq wara tal-appartament taghhom ghall-uzu ta' gnien (fol. 19)[4]. Il-kirja bdiet mill-14 ta' Marzu 1986 u nghatat wara sejha ghal tenders (fol. 38). Il-kondizzjonijiet jinkludu l-obbligu tal-kerrej li *"ma jkunx jista' jtella' l-ebda xorta ta' struttura anke jekk din tkun ta' natura temporanja."*. Mir-ritratti[5] li ttiehdu fi zmien qabel Schembri bnew il-hajt divizorju, hu evidenti li l-art kienet spazju miftuh li jigi fuq il-parti ta' wara tal-Blokk E. M'hemmx prova li dan l-ispazju kien jifforma parti minn Blokk E.

4. Id-Direttur tal-Artijiet kien beda proceduri kontra Schembri talli fil-porzjon art mikrija kien qieghed jaghmel pool[6].

5. Jirrizulta li fejn jinsab il-blokk E, il-faccata u l-gemb kienu gew trasferiti lill-Awtorita tad-Djar fl-14 ta' Lulju 1981[7].

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>.**

1. Fl-ewwel lok il-qorti ser tikkunsidra l-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Schembri. Il-qorti ma taqbilx li r-rikors guramentat ma fihx tifsir car u sewwa tal-oggetti u ragunijiet tat-talbiet. Minn qari tal-att, li fil-fehma tal-qorti fih hafna paroli zejda, wiehed ghandu jifhem x'qeghdin jippretendu l-atturi. Ovvjament dan ma jfissirx li l-pretensjoni taghhom hi legalment valida. Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

2. Il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn gie mharrek il-Kunsill Lokali ta' Hal Luqa. Ghalkemm ma ddefendix il-kawza, ma jfissirx li t-talbiet tal-atturi ghandhom jintlaqghu. L-istess japplika fir-rigward tal-Awtorita tad-Djar. F'dan il-kuntest il-qorti ma tarax li dawn il-konvenuti huma legittimi kontradittturi meta tqis li:-

i. L-attur qieghed jilmenta minn ksur ta' patt lokatizju li ghalih ma kienux parti. Ghalkemm jallega li l-

[4] Ara pjanta a fol. 59, il-parti murija bl-ahmar.
[5] Dok. MB7 a fol. 108.
[6] Rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni f'Awwissu 2007.
[7] Muri bil-kulur ahdar fil-pjanta a fol. 59.

kirja saret mill-Awtorita tad-Djar, mill-provi rrizulta li l-kirja saret mid-Dipartiment tal-Artijiet.

ii. L-ilment l-iehor hu li Schembri mmolestaw lill-atturi fil-pussess ta' art. Mit-tieni u tielet talbiet hu evidenti li l-atturi ppropenew azzjoni possessorja (*actio manutenionis*). L-att li qeghdin jilmentaw dwaru l-atturi sar minn Schembri u mhux minn xi wiehed mill-konvenuti l-ohra (inkluz il-Kummissarju tal-Artijiet).

3. Fil-meritu jibda biex jinghad li l-atturi ma tawx prova li ghandhom xi titolu fuq dik il-porzon art li nghatat lill-konjugi Schembri b'lokazzjoni. L-Artikolu 1554 tal-Kodici Civili jistipula x'inhuma l-obbligi tal-inkwilin. Pero hu s-sid li ghandu l-interess u d-dritt li jizgura li l-inkwilin josserva l-obbligi kuntrattwali. Ir-relazzjoni hi bejn is-sid u l-inkwilin. Fil-fehma tal-qorti l-atturi, li huma biss proprjetarji ta' appartament, m'ghandhom l-ebda jedd jinvokaw l-Artikolu 1554 tal-Kodici Civili. Ma nghatat l-ebda prova li din il-porzjon art[8] hi xi parti komuni tal-blokk. Jekk l-inkwilin qieghed jikser il-patt lokatizju, minhabba li ma baqax juza l-art bhala gnien, dik hi materja li jrid jaraha s-sid u mhux terzi li ma kienux parti ghall-ftehim ta' lokazzjoni.

Il-fatt li jekk Borg ikunu jridu jaghmlu xi manutenzjoni fuq il-faccata tal-appartament taghhom ikollhom jaghmlu uzu minn ingenji, ma jfissirx li jaghtihom xi dritt li jilmentaw li Schembri kiser l-obbligi kuntrattwali tieghu. Hekk ukoll Borg ma ghandhom l-ebda dritt li jilmentaw mill-fatt li Schembri bnew hajt divizorju li jifred din il-porzjon art li krew minghand id-Dipartiment tal-Artijiet mill-kumplament tal-art pubblika[9]. Jekk tali hajt huwiex konformi mat-tieni klawzola tal-obbligi tal-inkwilini[10], hi xi haga li jrid jaraha s-sid.

L-atturi jilmentaw ukoll li huma spiccaw ma jistghux jaccedu ghal *inlet*[11] li tifforma parti mill-proprjeta komuni skond il-kuntratt ta' akkwist taghhom. Prova ta' dan ma saritx. L-atturi lanqas ma wrew fejn tinsab din l-inlet. Jekk

---

[8] Murija bil-kulur ahmar fil-pjanta a fol. 45.
[9] Ara ritratti a fol. 43.
[10] Dok. C a fol. 19.
[11] Paragrafu 7 tar-rikors guramentat.

qed jirreferu ghal dik il-kamra mmarkata fid-dokument MB12[12] bil-kulur orancjo, id-dhul ghaliha m'huwiex mill-art li nkriet mid-Dipartiment tal-Artijiet lil Schembri, izda mill-blokk ta' appartamenti. Fl-eventwalita li jkun hemm bzonn ta' access ghal biex isir xi manutenzjoni fiz-zewg hitan ta' barra tal-kamra, jista' facilment japplika l-kuncett tal-buon vicinat. B'dan il-mod Schembri jkollhom jaghtu access biex issir xi manutenzjoni tal-hitan tal-kamra.

4. Fl-istess azzjoni l-atturi pproponew l-*actio manutenionis* b'riferenza ghall-porzjon art pubblika li jsostnu li l-konvenut qabad u okkupa, u li jghidu li hi *"parti integrali mal-istess blokk"*[13], kif ukoll ghall-porzjon art li jirreferu ghaliha bhala triq li jsostnu li ghandhom dritt li jaghmlu uzu minnha bhala cittadini ta' Malta. Il-qorti tifhem li l-atturi qeghdin jirreferu ghal dak l-ispazju mal-gemb u fil-parti ta' quddiem tal-blokk li Schembri ssegregaw bil-bini ta' hajt divizorju. L-attur xehed[14]:-

*"....jien gejt b'din il-problema li dan beda billi ghalaq il-bankina u ghamilha parapett. Imbaghad beda ahna mall-genb tal-flat ghandna l-kurituri li huma dritt ta' kullhadd. Dawn kienu ghaxar piedi, qabad u qassarhom ghalih, gholla l-hajt, mal-kurituri kien hemm side strip, central strip bil-gebla baxxa."* (fol. 67).

Skond ittra datata 26 ta' Lulju 2006[15] li ntbaghatet mid-Dipartiment tal-Artijiet lill-Awtorita tad-Djar, jirrizulta li din l-area kienet giet trasferita lill-istess Awtorita permezz ta' Avviz Legali numru 68 tal-14 ta' Lulju 1981.

L-atturi ma taw l-ebda prova li dik li qeghdin isejhulha bhala "art pubblika" tifforma parti integrali mill-blokk. Kull ma jinghad fil-kuntratt ta' akkwist taghhom hu li xtraw l-appartament numru 30. Ghalkemm fil-kuntratt jinghad li hemm pjanta annessa, dan id-dokument ma giex prezentat mill-atturi. Mill-istess kuntratt jidher li l-partijiet komuni tal-blokk huma *"entrata, tarag, bejt u d-drenagg*

---

[12] Fol. 108.
[13] Tmien paragrafu tal-premessi tar-rikors guramentat.
[14] Seduta tal-11 ta' Gunju 2009.
[15] Fol. 20. Ara wkoll pjanta annessa a fol. 21 fejn hemm immarkat x'gie trasferit.

*tal-istess blokk."*[16]. Il-partijiet fuq barra l-blokk ma jissemmewx.

Jirrizulta wkoll li fis-6 ta' Marzu 2008 gie ppubblikat kuntratt min-nutar Dr Malcolm Mangion[17] bejn l-Awtorita tad-Djar u Schembri fejn filwaqt li saret riferenza ghall-kuntratt tal-1 ta' Settembru 1981, inghad hekk:-

*"Illi mal-istess Att, giet annessa pjanta li turi l-perimetragg tal-proprjeta mibjguha, fejn fost affarijiet ohra, gie indikat li l-fond akkwistat jikkonsisti biss fl-appartament, u minghajr l-ebda riferenza ghall-gnien zghir li jestendi minn genb u jkompli fuq wara tal-istess appartament, liema gnien ilu jintuza biss mill-kumpraturi tul id-durata kollha ta' zmien minn meta akkwistaw. Oltre minn hekk, f'ittra li intbaghatet lill-kumpraturi, gie indikat li tali gnien adjacenti ghall-appartament taghhom, kien ha jkun trasferit lilhom ukoll, u jifforma parti integrali mill-proprjeta` taghhom. Din l-ittra iggib id-data ta' tnejn u ghoxrin ta' Mejju, tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (22.5.1986), li kopja taghha hi hawn annessa bhala dokument B.*

*Illi mal-istess Att ta' Bejgh, pero kif diga intqal hawn fuq, dan l-istess gnien bi zvista ma giex immarkat fuq il-pjanta annessa, u ghalhekk ufficjalment jirrizulta, li tali gnien ma giex trasferit flimkien mal-istess appartament lill-kumpraturi.*

*Illi l-Awtorita u l-kumpraturi llum jixtiequ li jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom, fejn bis-sahha ta' dan il-Att, l-Awtorita qeghda hawn tiddikjara, li fl-imsemmi Att tan-Nutar Joseph Brincat, nhar l-ewwel ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u wiehed u tmenin (1.9.81), l-istess Awtorita kienet effettivament trasferit lill-kumpraturi, l-piena u assoluta proprjeta` ta' dan il-gnien li jestendi minn wara sal-genb tal-istess appartament, u ghall-fini ta' ratifika, l-partijiet hawn konvenuti, qeghdin hawn jannetu ma' dan l-Att, pjanta gdida fejn il-proprjeta kollha li inbieghet lill-kumpraturi tinsab ipperimetrata bil-kulur ahdar."*.

---

[16] Ara klawzola 9 (fol. 11).
[17] Fol. 92.

Dan jaghti lill-qorti x'tifhem li dik il-parti fejn l-atturi jippretendu li tifforma parti mill-blokk, effettivament giet trasferita lil Schembri. Madankollu, u f'kull kaz, f'azzjoni possessorja hemm bzonn li l-atturi jaghtu prova li[18]:-

iii. L-azzjoni tirrigwarda oggett immobbli jew universalita` ta' hwejjeg mobbli;
iv. Li huwa jinsab fil-pussess ta' liema xorta jkun ta' haga;
v. Li jkun gie molestat f'dak il-pussess;
vi. Li l-azzjoni tkun giet ezercitata fi zmien sena mill-molestja;

Mill-atti ma jirrizultax li l-atturi ressqu prova fir-rigward tar-raba' element tal-azzjoni, anzi mir-ritratti esebiti a fol. 42 hu evidenti li ilhom fil-pussess ghallinqas zgur sa mis-sena 2007[19]. Fl-imsemmija ritratti jidher il-hajt divizorju li jdawwar l-art li ghandhom fil-pussess taghhom il-konvenuti Schembri. Inoltre fl-atti hemm ittra datata 20 ta' April 2007 li ntbaghatet mill-attur lill-Awtorita tad-Djar[20] fejn qieghed jilmenta, fost'affarijiet ohra, dwar xoghol li sar minn Schembri; *"...edifying a drive-in spacious fron unabling people to pass from the street. Closing both the three fronts of the flat."*. Ghalhekk hu altru milli evidenti li l-azzjoni possessorja li pproponew l-atturi saret wara z-zmien kontemplat mil-ligi. F'tali cirkostanzi m'huwiex mehtieg li jigi mistharreg jekk gewx sodisfatti l-elementi l-ohra tal-azzjoni.

Wara li nghalaq l-istadju tal-gbir tal-provi, l-atturi talbu[21] li jigu awtorizzati jipprezentaw dokument li kien jaghti prova li l-Kummissarju tal-Artijiet kien ta b'kera lill-Kunsill Lokali ta' Hal Luqa l-art in kwistjoni. Il-qorti cahdet it-talba[22]. F'kull kaz mid-dokument[23] li pprezentaw m'hemmx prova ta' dak li qeghdin jallegaw l-atturi. Fil-fehma tal-qorti dan

[18] Ara sentenza pubblikata fil-Volum XLIII.i.97.
[19] Ara d-data li hemm fir-ritratti.
[20] Dok. MB11 a fol. 108.
[21] Rikors prezentat fit-28 ta' Gunju 2011 (fol. 112).
[22] Ara digriet tal-20 ta' Ottubru 2011 (fol. 129).
[23] Ara fol. 113.

id-dokument hu ghal kollox irrilevanti ghall-ezitu ta' din il-kawza.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Ghar-ragunijiet fuq imsemmija tillibera lill-Kunsill Lokali ta' Hal Luqa u lill-Awtorita tad-Djar mill-osservanza tal-gudizzju.**
**2. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Schembri bl-ispejjez kontra taghhom.**
**3. Tilqa' l-eccezzjonijiet ta' nuqqas ta' interess guridiku fir-rigward tal-ewwel talba relatata mal-porzjon art li nghatat lill-konjugi Schembri b'lokazzjoni mid-Dipartiment tal-Artijiet.**
**4. Tichad l-eccezzjonijiet ta' nuqqas ta' interess guridiku fir-rigward tat-talbiet numru 2,3 u 4.**
**5. Tichad it-talbiet tal-atturi.**

**Salv ghal dak li nghad hawn fuq, spejjez huma kollha a karigu tal-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------